**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
**18 ta' Ġunju, 2023**

# L-AQWA ĠABRA!

San Tumas minn Akwinu kiteb wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' teoloġija taż-żminijiet tan-Nofs. F'din is-*Summa Theologiae* huwa niżżel frażi li mbagħad saret il-motto tal-patrijiet Dumnikani, "*Contemplata aliis tradere*" li għall-Malti nistgħu nittraduċuha hekk: "Trid tgħaddi lill-oħrajn il-frott tal-kontemplazzjoni tiegħek". Ftakart f'din is-sentenza meta konna qegħdin induru nħabbtu bieb bieb biex niġbru għall-festa.

Din is-sena ġbarna flus għall-festa, daqs jew ftit inqas mis-soltu. Imma jkolli ngħid li dis-sena kienet l-aqwa ġabra li għamilna! U ngħidilkom għaliex. Kelli żewġ esperjenzi sbieħ li kemm ilni niġbor, qatt ma kelli. F'żewġ okkażjonijiet mal-omm ħarġu darba tifla u darb'oħra tifel.



Fil-każ tal-ewwel omm, tatni l-offerta sabiħa tagħha imma mbagħad it-tifla qaltli, "Stenna ftit, għax jien irrid nagħti l-pocket money tiegħi wkoll." u battlet il-portmoni li kellha u tefgħethom fil-borża tal-ġbir. U mbagħad kien it-tifel, xi jiem wara, li xħin ommu tat l-offerta sabiħa, qalli, "Żomm, żomm, żomm!" u daħal ġewwa u reġa' ħareġ bl-offerta tiegħu għax hu wkoll ried jagħti sehmu! Dawn iż-żewġ esperjenzi fakkruni li biex ikollok l-aqwa ġabra, din ma hemmx għalfejn tkun l-ikbar waħda.

Kemm hi ħaġa sabiħa li jkollok tfal bħal dawn li biex jaslu għal ġest li jagħmlu offerta, żgur li ħadu l-eżempju ta' mħabba għall-parroċċa mingħand ommhom u missierhom.

L-aqwa ma jagħmilx storbju. Allaħares ma kellniex il-parteċipazzjoni ta' tant persuni, mijiet ta' voluntiera li matul is-sena kollha jagħtu ħinhom, it-talenti u anke flushom, biex jaraw li jkollna festa sabiħa. U fuq kollox komunità miġbura madwar Ġesù, Pietru u Pawlu!

*Il-festa t-tajba lil kulħadd!*

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**L-AVVIŻI:**

**AVVIŻ DWAR L-IKLA TAL-IMNARJA: BEJGĦ TA' BILJETTI**
Nixtiequ nfakkrukom li għad fadal numru limitat ta' biljetti għall-ikla tradizzjonali se ssir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ġunju, fit-8:30pm fil-Pjazzetta. Il-prezz tal-biljetti tal-kbar huwa ta' €33 u taż-żgħar €18. Tistgħu tibbukkjaw post billi tikkuntattjaw lil Samantha Camilleri fuq 79237505.

**IL-KUMITAT FESTI ESTERNI:** jixtieq javża lill-ġenituri li jixtiequ li wliedhom jieħdu sehem fil-manifestazzjoni tat-tfal li ser tinżamm nhar il-Ħadd 25 ta' Ġunju sabiex jiktbu lit-tfal fl-Uffiċċju Parrokkjali sa nhar il-Ħamis 22 ta' Ġunju.

**FJURI GĦAL SAN PIETRU U SAN PAWL:** dawk li jixtiequ jikkontribwixxu għax-xiri tal-fjuri ta' quddiem San Pietru u San Pawl, għandhom ikellmu lil Mons. Salv Pace. Tagħmlu għotjiet ta' €30. Nirringrazzjaw lil kull min jgħin.

Awguri lill-missirijiet kollha f'Jum il-Missier! Nitolbu għall-missirijiet ħajjin biex jaqdu dmirhom bl-imħabba u d-dehen. Nitolbu għall-missirijiet mejtin biex jieħdu l-premju mingħand il-Mulej.

**L-Imperatur Marku Awrelju**
Dan l-Imperatur li kien jgħix fit-tieni seklu wara Kristu kien iżomm djarju li tawh l-isem "Meditazzjonijiet". Fost l-oħrajn jgħid li d-difetti tan-natura huma sbieħ. Jgħid pereżempju li tina maqsuma għax tkun saret fix-xemx, hija sabiħa. L-istess, jgħid li ħobża bil-qoxra tagħha maqsuma għax tkun saret fin-nar, hija sabiħa. Tgħid għandna ftit minn tal-Imperatur, li kien jara l-ġmiel fl-affarijiet iż-żgħar?

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am